# EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKEJJEL SEKONDARJI 2005

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**IT-TIENI KLASSI** **MALTI** **ĦIN: Sagħtejn**

**Isem:** ____________________________ **Klassi:** ___________

**ISTRUZZJONIJIET LILL-ISTUDENTI:**

1. Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub/a.

2. Ortografija, punteġġjatura, sintassi, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultati aħjar.

---

**GĦALL-UŻU TA' L-GĦALLIEMA**

**SKEMA TA' MARKI**

| Mistoqsija | A | B | Ċ | D | E | F (i) | F (ii) | Ġ | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Marki | 9 | 27 | 5 | 6 | 8 | 11 | 14 | 20 | 100 |
| Marki ta' l-istudent/a | | | | | | | | | |

**KUMMENTI**

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

## SILTA GĦALL-ISTĦARRIĠ

**Aqra sewwa s-silta u wieġeb il-mistoqsijiet:**

**Il-Karti**


Tpinġija ta' Michael Camilleri

L-ewwel affarijiet li nixtru meta tibda l-iskola huma l-kotba u l-pitazzi għax ma jistax ikun li ma jkollniex kotba u pitazzi biex nistudjaw u niktbu fuqhom. Il-karti nafu għalfejn nużawhom imma forsi mhux kulħadd jaf li l-karti jiġu mis-siġar. (*par. 1*)

Il-pjanti u s-siġar jieħdu l-ikel mis-sustanzi li jkun hemm fil-ħamrija, mill-arja u mid-dawl. L-ikel li jieħdu jużawh biex ikabbru l-weraq, il-friegħi u z-zkuk. Xi wħud mis-siġar jagħmlu wkoll il-frott biex nikluh aħna. Xi wħud jagħmlu frott żgħir biż-żerriegħa u oħrajn ma jagħmlu frott xejn. Mis-siġar ma niħdux frott biss, imma għadd ta' affarijiet oħra. (*par. 2*)

Is-siġar jikbru fi kwantitajiet kbar fil-foresti u fil-boskijiet, għax hemm isibu l-ambjent li jridu. Uħud mis-siġar imutu biex jagħmlu spazju għal siġar oħra u oħrajn jitneħħew biex minnhom jittieħed dak li jkun hemm bżonn. Ħafna minn dawn is-siġar jitħawlu apposta biex minnhom tkun tista' ssir il-karta. Meta jgħaddu xi għoxrin jew tletin sena minn fuq is-siġar, iz-zokk jilħaq jeħxien sewwa. Dawn jinqatgħu minn isfel, iz-zokk jitqatta' rqiq ħafna u l-magni jagħmlu x-xogħol tagħhom biex jagħtuna l-karta. Il-karta tittieħed minn siġar differenti. Fl-Indja u fix-xlokk ta' l-Asja jitkabbru ħafna siġar tal-*bamboo* għall-istess għan. *(par. 3)*

Hu maħsub li f'sena waħda jsiru biljuni ta' karti, kartun u affarijiet oħra li jinħadmu mill-karta. Malli s-siġar jinqatgħu, malajr jerġgħu jitħawlu siġar oħra u hekk il-ħajja ma tinqeridx. Forsi l-agħar ħaġa li jagħmel il-bniedem hi li jqaċċat is-siġar u ma jagħtihomx ħin biżżejjed biex jerġgħu jitilgħu siġar ġodda. *(par. 4)*

(addattament minn kitba ta' Peter A. Caruana)

## A. FEHIM IT-TEST (9 marki)

1. Semmi żewġ affarijiet magħmula mill-karti li jixtru l-istudenti meta tibda l-iskola. (*par. 1*)

________________________________________________________________(2)

2. Minn fejn jiġu l-karti? (*par. 1*)

______________________________________________________________________(1)

3. Minn fejn jieħdu l-ikel il-pjanti u s-siġar? (*par. 2*)

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________(1)

4. Xi jsibu s-siġar fil-foresti u fil-boskijiet? (*par. 3*)

______________________________________________________________________(1)

5. Semmi żewġ postijiet fejn jitkabbru s-siġar tal-*bamboo*. (*par.3*)

______________________________________________________________________(2)

6. Int x'tista' tagħmel biex is-siġar ma jinqerdux?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________(2)

## B. GĦARFIEN IL-LINGWA (27 marka)

### (i) ANALIŻI TESTWALI

1. *nafu għalfejn nużaw**hom*** (*par. 1*)

Għalxiex qiegħed jirreferi l-pronom ***hom*** fil-kelma nużaw***hom***?

______________________________________________________________________(1)

2. Mit-tieni paragrafu sib u ikteb is-sentenza li turi kemm huma bżonnjużi s-siġar.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________(1)

3. Il-verb *isibu* (*par. 3*) qiegħed jirreferi:

għas-siġar ☐ għall-foresti ☐

(1)

4. Il-kelma *biljuni* (*par. 4*) tfisser:

ftit ☐ ħafna ☐ (1)

**(ii) LESSIKU / VOKABULARJU**

1. Sib kliem li jfisser l-istess bħal:

a. għadd (*par. 2*) ____________________________

b. boskijiet (*par. 3*) ____________________________

ċ. spazju (*par. 3*) ____________________________

d. għan (par. 3) ____________________________ (4)

**(iii) SINTASSI / SENTENZI**

Ikteb is-sentenza mod ieħor mingħajr ma tibdel it-tifsira.

Malli s-siġar jinqatgħu malajr jerġgħu jitħawlu siġar oħra u hekk il-ħajja ma tinqeridx.

Il-ħajja ma tinqeridx jekk ______________________________________________________________

______________________________________________________________________________(1)

**(iv) GRAMMATIKA U MORFOLOĠIJA**

a. Imla l-vojt fit-tieni kolonna skond is-sentenzi fl-ewwel waħda..

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1 | L-ewwel affarijiet li nixtru…(*par. 1*) | 1 | L-ewwel affarijiet li aħna____________ **(perfett)**. |
| 2 | nistudjaw…(*par. 1*) | 2 | Nistudjaw ___________ **(agħti z-zokk morfemiku)**. |
| 3 | u niktbu fuqhom (*par. 1*) | 3 | u ___________ **(imperattiv singular)** fuqhom. |
| 4 | Il-pjanti u s-siġar jieħdu l-ikel…(*par. 2*) | 4 | Il-pjanti u s- siġar ____________ l-ikel **(negattiv).** |
| 5 | Xi wħud jagħmlu (*par.2*) | 5 | Jagħmlu ___________________ (**agħti l-għerq**). |
| 6 | biex minnhom tkun tista’ ssir il-karta (*par. 3*) | 6 | biex minnhom ikunu __________ **(imperfett plural)** jsiru l-karti. |

(6)

b. Agħżel il-partiċella t-tajba mil-lista t’hawn taħt:

minn, mil-, fejn, għall-, ma’, min, lil, ma, ta, mill-, għal, lill-

Marija qamet kmieni biex tmur __________ gazzetti. Fit-triq rat _______ ħuha li kien sejjer id-dar ______ sieħbu. Wara marret iġġib xi kotba _______ librerija. Fl-aħħar iltaqgħet _________ ommha li kienet ġejja _________ ħdejn in-nanna. (6)

ċ. Ikteb kliem flok in-numri f'dan l-avviż.

Għat- [12] ………………… darba, il-kumitat tal-festa se jorganizza barbikju nhar il-Ġimgħa, [17] ………………….. ta' Awissu, fit-[8] …………………….. ta' filgħaxija. Il-prezz se jkun [4] ………………….. liri għall-kbar u [2] ……………… liri għat-tfal. Tluq mill-pjazza fis- [7] …………………… . (6)

## Ċ. L-ASPETT SIMBOLIKU FL-ISFOND LINGWISTIKU POPOLARI (5 marki)

(a) Għid jekk dawn l-idjomi humiex użati tajjeb jew ħażin.

| | Tajjeb | Ħażin |
|---|---|---|
| 1. Ma tistax tgħid li dak mhux bin missieru daqs kemm jixbhu. | ☐ | ☐ |
| 2. Tista' toqgħod fuqu kemm trid għax baqa' tifel. | ☐ | ☐ |
| 3. Dak qaddis miexi fl-art; dejjem jgħid fuq in-nies. | ☐ | ☐ |

(b) Immarka sing taħt it-tajba biex tifforma qawl.

1. Il-ħmar xi daqqiet jitla' (il-ħajt, l-arblu, il-kampnar).

2. L-iskarpan b'żarbun (imqatta', qadim, ġdid) joqgħod.

## D. ĦILIET FIL-MALTI KOMUNIKATTIV (6 marki)



1. Il-ġenituri tiegħek jixtiequ jiġu jkellmu lill-kap ta' l-iskola. F'madwar 60 kelma agħtihom id-direzzjonijiet biex jaslu l-iskola.

**JEW**

2. Iz-ziju tak kelb bħala *pet*. F'madwar 60 kelma ikteb l-istruzzjonijiet li tak biex tieħu ħsiebu.

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

## E. TIFTIX/TRAWWIM KULTURALI - SEHEM IL-MALTI FIL-KULTURA (8 marki)

1. Mill-personaġġi li fittixt dwarhom din is-sena, liema wieħed/waħda jogħġbok l-iktar?

______________________________________________(1)

2. Għalxiex baqa' msemmi dan il-personaġġ?

______________________________________________

______________________________________________(1)

3. Ikteb sitt punti dwaru/ha.

- ______________________________
- ______________________________
- ______________________________
- ______________________________
- ______________________________
- ______________________________

(6)

## F. LETTERATURA (25 marka)

(i) **POEŻIJA : NADRIET 2**

*a.* ***Il-Barri* ta' Ġorġ Pisani**

Għalhekk, imdejjaq, nafar nafra kbira,
Bħal ruħ li tħossha ta' xortiha lsira;
Imb'għad xħin f'ġismu ħass ix-xafra dieħla
Li qajla qajla bdiet toħroġlu demmu,
Il-barri ħares, donnu ried jistaqsi:
Għaliex? Lill-bniedem li kien qed itemmu.


Mid-Dipartiment ta' l-Agrikoltura

1. Din il-poeżija hija
   (a) ☐ Sentimentali
   (b) ☐ Lirika
   (ċ) ☐ Patrijottika (1)

2. Ikteb iż-żewġ versi li fihom rima mbewsa.

______________________________________________

______________________________________________(1)

3. Mis-silta sib similitudni.

______________________________________________(1)

4. F'dawn il-versi l-poeta qiegħed juża l-vers ________________________________________(1)

5. Fi kliemek agħti l-ħsieb ta' din is-silta.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________(3)

**b. AKTAR NADRIET POETIĊI**

Agħżel żewġ poeżiji u ikteb madwar 20 kelma fuq kull waħda minnhom.

| |
|---|
| *Fil-Menqa* – Ġorġ Peresso; *Lejl tat-Tfulija* – Ġorġ Borg; *Settembru* – Wallace Ph. Gulia; *Il-Ħajt tas-Sejjieħ* – Rena Balzan; *Sjesta Maltija* – Kilin; *Univers Ieħor* – Dun Karm; *Ġunju* – Dun Karm; *Marsaxlokk* – Charles Flores |

(i) L-isem tal-poeżija: ________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________(2)

(ii) L-isem tal-poeżija:________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________(2)

(ii) **PROŻA**

***a. Ħolm tal-Milied?*** **–** Trevor Żahra

Ikteb żewġ sentenzi fuq **kull wieħed** minn dawn l-karattri: Leli, In-nanna Franġiska, Iz-zija Anni u Liża.

**JEW**

Semmi u ikteb dwar **erba'** diżgrazzji li ġraw fi żmien il-Milied lill-familja tan-nanna Franġiska.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

________________________________________________________________________________

________________________________________________________________________________

________________________________________________________________________________

________________________________________________________________________________

________________________________________________________________________________

________________________________________________________________________________

________________________________________________________________________________

________________________________________________________________________________(8)

*b.* ***Nies bla Sabar*** - Temi Zammit

Qabbel kolonna **A** ma' kolonna **B**

| | **Kolonna A** | | **Kolonna B** |
|---|---|---|---|
| 1 | Fl-istorja *Ferħa bla Temma* | a | kellu xi jgħid sewwa mal-parrukkier. |
| 2 | Franswa` | b | kienu Pawlinu u Karmelina. |
| 3 | Pina | ċ | is-sur Nin ried isib lil xi ħadd li jdur bih. |
| 4 | Fl-istorja *Bieżla u Għaqlija* | d | Vitor fl-aħħar ħadet il-mitejn skud taz-ziju Pawl. |
| 5 | Fl-istorja *Nies bla Sabar* | e | lis-sur Anġ kien idejqu l-istorbju. |
| 6 | Iż-żewġ seksieka | f | kienet qaddejja, ħassiela u ħuttaba. |

| 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | |

(6)

## Ġ. KOMPONIMENT (20 marka)

Agħżel **WIEĦED** minn dawn u fuq karta separata ikteb madwar 200 kelma.




1. Immaġina li inti karta ta' għoxrin lira. Irrakkonta ġurnata f'ħajtek.
2. Ġurnata d-dar waħdi.
3. Maltempata fil-bnazzi.
4. Kamra fid-dar li togħġobni l-aktar.
5. Ikteb djalogu bejn għasfur ħieles u għasfur f'gaġġa